



L-Aġjar Prattiki fit-taħriġ tal-imħallfin u l-prosekuturi

Kategorija ta' prattika: Metodoloġija ta' Taħriġ Innovattiv

Tip ta' prattika: Prattika Tajba

Pajjiż: Franza

April, 2014

Titlu ta' prattika	Organizzazzjoni ta' Taħriġ Deċentralizzat sabiex Jirrifletti l-Ħtiġijiet u l-Kwistjonijiet ta' Taħriġ Lokali
<i>Karatteristiċi prinċipali:</i>	<p>B'din il-prattika, iċ-ċentri ta' taħriġ u l-akkademji ġudizzjarji nazzjonali għandhom l-għan li jipprovdu soluzzjoni għall-ħtiġijiet u l-kwistjonijiet ta' taħriġ lokali u/jew sabiex jagħmlu t-taħriġ wiċċ imb wiċċ aktar aċċessibbli għall-imħallfin u l-prosekuturi li jaħdmu f'reġjuni li jinsabu kemxejn 'il bogħod mill-korp ta' taħriġ ċentrali (u b'hekk jitnaqqsu l-ispejjeż loġistiċi filwaqt li jiġi mmirat għadd potenzjalment ogħla ta' parteċipanti).</p> <p>L-approċċ normali huwa li dawn l-attivitajiet deċentralizzati jiġu inklużi fil-pjan ta' taħriġ annwali taċ-ċentru ta' taħriġ nazzjonali bħala parti minn strateġija nazzjonali globali. Madankollu, l-eżistenza ta' taħriġ indipendenti organizzat lokalment hija rikonoxxuta fid-diskrezzjoni tas-servizzi lokali jew il-qrati.</p> <p>Fi Franza, waħda mill-miri ewlenin tal-programm ta' taħriġ nazzjonali hija l-organizzazzjoni ta' korsijiet ta' taħriġ dwar riformi ewlenin fil-kuntest ta' taħriġ deċentralizzat kontinwu, jiġifieri fid-disa' qrati tal-appell fejn l-iskola Nazzjonali għall-Ġudikatura (ENM) u l-koordinaturi reġjonali jwettqu dmirijiethom. (Ara wkoll l-iskeda informattiva "Pakkett Komprensiv sabiex Jingħata Taħriġ fuq Skala Kbira dwar Strumenti Legali ġodda" deskritta taħt l-attribut "Kurrikuli</p>

innovattivi jew pjanijiet ta' taħriġ".)

<i>Detalji kuntatt istituzzjoni</i>	<i>ta' tal-</i> National School for the Magistracy (ENM) 8, Rue de Chanoinesse 75004 Paris France Telefon: + 33 1 44 41 88 20 Faks: + 33 1 44 41 88 21 Posta elettronika: enm-info-di@justice.fr Sit elettroniku: http://www.enm-justice.fr
<i>Kummenti oħrajn</i>	L-organizzazzjoni ta' dawn l-attivitajiet ta' taħriġ deċentralizzat hija standard ta' PRATTIKA TAJBA magħruf sew li huwa applikat f'ħafna mill-istituzzjonijiet ta' taħriġ tal-UE.

Sors: Proġett Pilota - Taħriġ Ġudizzjarju Ewropew: "Lott 1 – Studju dwar l-aħjar prattiki għat-taħriġ tal-imħallfin u l-prosekuturi", imwettaq min-Netwerk Ewropew tat-Taħriġ Ġudizzjarju (EJTN)